BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

STATISTIKA MONETARJA TA' KULL XAHAR

**Ħarġa Nru. 06/2010**

**Settembru 2010**

Il-Bank Ċentrali ta' Malta għadu kif ħareġ l-istqarrija tiegħu dwar l-istatistika monetarja ta' kull xahar għal Settembru 2010.

**Il-kontribuzzjoni għall-aggregati monetarji u l-kontropartijiet taż-żona tal-euro**

Il-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) residenti f'Malta għall-aggregat monetarju sħiħ (M3) taż-żona tal-euro kibret b'0.2%, jew b'EUR15.8 miljun, f'Settembru, biex laħqet EUR9.2 biljuni (ara Tabella 1). Minħabba f'hekk, ir-rata annwali tat-tkabbir tagħha rpiljat minn 2.1% f'Awwissu għal 3.3%.

Iż-żieda fil-kontribuzzjoni tal-M3 matul ix-xahar kienet parzjalment dovuta għal tkabbir ta' EUR55.9 miljun fil-komponent monetarju ristrett (M1). Minħabba f'hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-M1 aċċelerat għal 16.6% f'Settembru minn 14.3% f'Awwissu.

Bil-maqlub ta' dan, il-komponent monetarju intermedju (M2) ċkien b'0.2% jew EUR16.4 miljun, hekk kif kontra ż-żieda fl-M1 kien hemm tnaqqis ta' EUR72.3 miljun fid-depożiti marbuta għal sentejn jew anqas. Madankollu ċaqliq fil-komponenti l-oħra tal-M3 saħħew il-kontribuzzjoni tal-IFM residenti. B'mod partikolari, naqsu t-titoli ta' self għal żmien qasir miżmuma mill-IFM u maħruġa minn IFM oħra filwaqt li, b'mod aktar limitat, żdiedu l-*units* ta' fondi li jinvestu fis-swieq tal-flus.

Fir-rigward tal-kontropartijiet tal-M3, il-kontroparti tas-self kibret matul Settembru b'EUR134.7 miljun jew 1.0%. Din kienet prinċipalment dovuta għaż-żieda fis-self lil residenti barra l-gvern ġenerali. Madankollu, it-tkabbir annwali ċeda minn 15.0% f'Awwissu għal 13.5% f'Settembru.

Sadanittant, il-kontroparti esterna tal-M3, li tirrifletti transazzjonijiet bejn l-IFM residenti f'Malta u dawk residenti f'pajjiżi barra ż-żona tal-euro telgħet bi EUR33.1 miljun, jew 0.4%. Dan ġara minħabba li waqgħa fis-self minn IFM barra ż-żona tal-euro ġabet magħha tnaqqis fl-obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro. Dan it-tnaqqis għeleb tnaqqis iżgħar fl-obliggazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro. Din tal-aħħar irriflettiet tnaqqis sinifikanti fis-self lil kumpaniji privati mhux finanzjarji barra ż-żona tal-euro.

F'Settembru, il-kontropartijiet l-oħra tal-M3 kibru b'EUR152.1 miljun, jew 1.1%. Dan ġara minħabba żieda qawwija fl-"obbligazzjonijiet oħra netti" li jinkludu transazzjonijiet bejn il-banek fiż-żona tal-euro.

**Żviluppi fid-depożiti ta' residenti Maltin u ta' ċertu kontropartijiet**

Id-depożiti totali miżmuma minn residenti ta' Malta ma' IFM Maltin baqgħu fl-istess livell f'Settembru minħabba offsettjar bejn depożiti *overnight* u depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas. Madankollu, ir-rata tat-tkabbir annwali tagħhom kibret minn 2.5% f'Awwissu għal 3.8% f'Settembru.

Matul ix-xahar kopert, id-depożiti *overnight* ta' residenti Maltin kibru b'EUR51.7 miljun jew 1.3% (ara Tabella 2). Dan it-tkabbir kien priċipalment dovut għal żidiet fid-depożiti miżmuma minn kumpaniji tal-assikurazzjoni u minn individwi. Kontra dan kien hemm waqgħa ta' EUR51.7 miljun fid-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas. Din tal-aħħar primarjament tirrifletti tnaqqis fid-depożiti ta' intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek u tnaqqis fil-bilanċi miżmuma minn kumpaniji pubbliċi mhux finanzjarji.

Sadanittant, is-self lir-residenti ta' Malta kiber b'EUR49.5 miljun, jew 0.5%. Ir-rata annwali tat-tkabbir fis-self battiet bi ftit għal 7.3% f'Settembru minn 7.4% f'Awwissu.

Matul ix-xahar kopert is-self lill-gvern ġenerali Malti ċkien b'EUR21.7 miljun jew 1.0%. Dan ġara minħabba tnaqqis qawwi fl-ammont ta' *bills* tat-Teżor miżmuma mill-banek li pattew għaż-żieda li kien hemm fl-ammont miżmum ta' stokks tal-Gvern ta' Malta. Minkejja dan, ir-rata annwali tat-tkabbir fis-self lill-gvern ġenerali kibret għal 10.6% f'Settembru minn 9.7% f'Awwissu.

Kuntrarju għal dan, is-self lil residenti lokali barra l-gvern ġenerali kiber b'EUR71.3 miljun jew 0.8%. Dan ġara minħabba żieda fis-self lil individwi għax-xiri tal-proprjetà u lis-settur tal-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut. Ir-rata tat-tkabbir annwali naqset minn 6.8% f'Awwissu għal 6.4% f'Settembru.

Fil-frattemp, l-assi barranin netti[1] li jikkonsistu fit-transazzjonijiet bejn IFM residenti u residenti barranin żdiedu b'EUR9.3 miljuni jew 0.1%. Din iż-żieda tirrifletti tnaqqis fl-obbligazzjonijiet barranin tal-banek prinċipalment f'self mingħand residenti barranin. Din għelbet tnaqqis fl-assi barranin tagħhom li kienet ġejja prinċipalment minn tnaqqis fis-self mogħti lil residenti barranin.

Ir-rata tal-imgħax medja ppeżata, kif applikata minn banek residenti fuq depożiti tal-klijenti ċkienet marġinalment għal 1.37% f'Settembru minn 1.38% ix-xahar ta' qabel, filwaqt li dik applikabbli għal self żdiedet minn 4.72% f'Awwissu għal 4.75%.

***Aktar informazzjoni ekonomika u monetarja tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali ta' Malta www.centralbankmalta.org***

[1] L-assi netti barranin (NFA) jikkonsistu f'obbligazzjonijiet netti ta' residenti fil-kumplament tad-dinja lejn IFM residenti f'Malta. Ir-residenti fil-kumplament tad-dinja jinkludu residenti barra ż-żona tal-euro u residenti ta' pajjiżi fiż-żona tal-euro barra Malta.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 1: IL-KONTRIBUZZJONI TAL-IFMs RESIDENTI
## LILL-AGGREGATI MONETARJI TAŻ-ŻONA TAL-EURO U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAGĦHOM[1]

*€ miljuni*

| | | Sep-10 | Aww-10 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Sep-09 | Bidla Annwali | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-AGGREGATI MONETARJI[2]** | | | | | | | | |
| **L-AGGREGAT RISTRETT (M1)** | **1** | **4,861.4** | **4,805.5** | **55.9** | **1.2** | **4,170.4** | **691.0** | **16.6** |
| Flus maħruġa[3] | 1.1 | 660.4 | 659.5 | 0.9 | 0.1 | 618.9 | 41.5 | 6.7 |
| Depożiti *overnight* [4] | 1.2 | 4,201.0 | 4,146.0 | 55.1 | 1.3 | 3,551.5 | 649.5 | 18.3 |
| **L-AGGREGAT INTERMEDJU (M2)** | **2** | **8,925.8** | **8,942.2** | **-16.4** | **-0.2** | **8,660.2** | **265.6** | **3.1** |
| L-aggregat ristrett (M1) | 2.1 | 4,861.4 | 4,805.5 | 55.9 | 1.2 | 4,170.4 | 691.0 | 16.6 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas[4] | 2.2 | 113.8 | 113.8 | 0.0 | 0.0 | 109.8 | 4.0 | 3.6 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas[4] | 2.3 | 3,950.6 | 4,022.9 | -72.3 | -1.8 | 4,380.0 | -429.4 | -9.8 |
| **L-AGGREGAT SĦIĦ (M3)** | **3** | **9,154.2** | **9,138.5** | **15.8** | **0.2** | **8,864.8** | **289.4** | **3.3** |
| L-aggregat intermedju (M2) | 3.1 | 8,925.8 | 8,942.2 | -16.4 | -0.2 | 8,660.2 | 265.6 | 3.1 |
| Self kontra titoli | 3.2 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| Titoli ta' self li nħarġu għal sentejn jew anqas[5] | 3.3 | 228.5 | 196.3 | 32.2 | 16.4 | 204.7 | 23.8 | 11.6 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAL-M3** | | | | | | | | |
| **IL-KONTROPARTI TAS-SELF** | **4** | **14,274.5** | **14,139.8** | **134.7** | **1.0** | **12,579.9** | **1,694.6** | **13.5** |
| Self lill-gvern ġenerali | 4.1 | 3,802.7 | 3,783.9 | 18.8 | 0.5 | 2,791.0 | 1,011.8 | 36.3 |
| Self lil setturi oħra | 4.2 | 10,471.7 | 10,355.9 | 115.8 | 1.1 | 9,788.9 | 682.8 | 7.0 |
| **IL-KONTROPARTI ESTERNA** | **5** | **9,153.7** | **9,120.6** | **33.1** | **0.4** | **6,907.6** | **2,246.1** | **32.5** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro | 5.1 | 29,858.2 | 30,207.4 | -349.2 | -1.2 | 25,269.0 | 4,589.2 | 18.2 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro (-) | 5.2 | 20,704.5 | 21,086.9 | -382.3 | -1.8 | 18,361.4 | 2,343.1 | 12.8 |
| **IL-KONTROPARTIJIET L-OĦRA** | **6** | **14,274.0** | **14,121.9** | **152.1** | **1.1** | **10,622.7** | **3,651.3** | **34.4** |
| Obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali | 6.1 | 748.4 | 834.9 | -86.5 | -10.4 | 541.2 | 207.2 | 38.3 |
| Obligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal | 6.2 | 11,226.7 | 11,154.6 | 72.0 | 0.6 | 5,346.1 | 5,880.5 | 110.0 |
| Obbligazzjonijiet oħra (netti) | 6.3 | 2,298.9 | 2,132.4 | 166.5 | 7.8 | 4,735.3 | -2,436.5 | -51.5 |

(1) Il-figuri juru l-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) Maltin għat-totali taż-żona tal-euro.

(2) Data dwar l-aggregati monetarji jinkludu obbligazzjonijiet fuq depożiti kemm lil residenti ta' Malta kif ukoll lil residenti oħra fiż-żona tal-euro.

(3) Dan ma jirrappreżentax kejl tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni f'Malta. Dan jinkludi s-sehem tal-Bank Centrali ta' Malta mill-karti tal-flus tal-euro maħruġa mill-Eurosistema, skont l-*allocation key* tal-karti tal-flus (li tirrifletti s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta fil-kapital imħallas tal-BĊE), kif ukoll muniti maħruġa mill-Bank f'isem it-Teżor wara li jiġi mnaqqas il-valur ta' karti tal-flus u muniti tal-euro miżmuma mis-settur tal-IFM. Għall-2008, ġew inklużi l-karti tal-flus u l-muniti tal-lira Maltija li għadhom ma ssarrfux. Dan għalhekk jirrappreżenta l-ammont li jifdal ta' flus li nħarġu wara li jitnaqqsu l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro (u temporanjament il-flus tal-lira Maltija) miżmuma minn IFM f'Malta.

(4) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

(5) Titoli ta' self li nħarġu għal sentejn jew anqas minn IFM f'Malta wara li jitnaqqsu titoli bħal dawn miżmuma minn IFM f'Malta u maħruġa minn IFM fi kwalunkwe post fiż-żona tal-euro. Din il-filliera turi l-ammonti netti (ħruġ ta' titoli bl-ammont miżmum minn IFM f'Malta mnaqqas) u jistgħu jkunu negattivi. Il-figuri jinkludu wkoll ishma/unitajiet ta' fondi li jinvestu fi swieq tal-flus (MMF).

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 2: ŻVILUPPI FID-DEPOŻITI U FIS-SELF TA' RESIDENTI TA' MALTA U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI

*€ miljuni*

| | Sep-10 | Aww-10 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Sep-09 | Bidla Annwali | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **DEPOŻITI** | | | | | | | |
| **DEPOŻITI TOTALI TA' RESIDENTI** | **8,020.3** | **8,020.3** | **0.0** | **0.0** | **7,723.6** | **296.7** | **3.8** |
| Depożiti *overnight* | 4,089.9 | 4,038.3 | 51.7 | 1.3 | 3,470.9 | 619.0 | 17.8 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas[(1)] | 113.7 | 113.7 | 0.0 | 0.0 | 109.8 | 3.9 | 3.6 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas[(1)] | 3,816.6 | 3,868.3 | -51.7 | -1.3 | 4,142.9 | -326.3 | -7.9 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI** | | | | | | | |
| **SELF TOTALI LIL RESIDENTI** | **10,222.4** | **10,172.9** | **49.5** | **0.5** | **9,526.7** | **695.8** | **7.3** |
| Self lill-gvern ġenerali | 2,183.0 | 2,204.7 | -21.7 | -1.0 | 1,974.0 | 209.0 | 10.6 |
| Self lil setturi oħra | 8,039.4 | 7,968.2 | 71.3 | 0.8 | 7,552.7 | 482.0 | 6.4 |
| **ASSI NETTI BARRANIN** | **10,875.6** | **10,866.3** | **9.3** | **0.1** | **5,108.0** | **5,767.6** | **112.9** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barranin | 40,367.6 | 40,402.9 | -35.4 | -0.1 | 32,172.1 | 8,195.5 | 25.5 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barranin (-) | 29,492.0 | 29,536.6 | -44.6 | -0.2 | 27,064.2 | 2,427.8 | 9.0 |

[(1)] Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.